# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 08**

**5.00p.m 13 ta' November 2024**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku. |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**
Is-Sur Joseph Cachia

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa.

**08.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
Il-Kunsillier Joseph Cachia informa li jinstab indispost

**08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru sebgħa (7) laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi ir-rimarka li f'item 7.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament huwa kien staqsa dwar in-numru ta'sigħat li qed taħdem id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil li titnizel din l-emenda fil-Minuti. Għaldaqstant wara din l-emend il-minuti ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.
**08.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Gloria Aquilina, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**08.3.1 Korrispondenza mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv**
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li Sindku sabiex tagħti spjegazjoni dwar il-punt li tqajjem waqt il-laqgħa numru 7 fejn ġiet mistoqija mill- Viċi Sindku dwar l-ammont ta'sigħat li kienet qeda taħdem. DES spjegat li hija bagħtet korrispondenza fejn tagħt stampa ta' xogħolijiet amministrattivi li kienet ħadmet fuqhom min Mejju 2024 sa issa u talbet sabiex din il-korrispondenza tiġi annessa mal-minuti. Hija referiet għal recording ta' dik il-laqgħa numru 7 fejn fil-korrispondenza kienet talbet sabiex il-parti fejn saret il-mistoqsija tiġi editjata peress li suġġett kien ta' natura li tinvolvi riżorsi umani. Madanakollu, hija tenniet li ma hemmx għalfejn issir hekk u qed tagħti il-kunsens sabiex jiġi ppublikat. Il-Viċi Sindku qal li jilqa' l-andament ta' din l-ispjegazzjoni u huwa ta' spjegazzjoni tiegħu għalfejn kien għamel din il-mistoqsija. Is-Sindku stqarr li meta iċ-ċempel lid-DES hija dejjem tirrispondi u ħadet azzjoni f'każijiet barra il-ħinijiet normali ta' xogħol.

**08.3.2 Għaqda Festi Esterni Santisima' Trinita' Marsa- Riklam u armar għal żmien il-Milied**
L-Għaqda Festi Esterni Ssma' Trinita' qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklam bil-kulur fil-Kalendarju 2025 għal prezz ta' €300. Qed jinfurmaw ukoll lill-Kunsill bil-prezz tas-servizz li l-Kunsill jitlob kull sena. Armar tal-Milied – Triq il-Marsa (€1400), Pont San Tumas (€600), Pjazza quddiem il-Knisja Trinita' (€800), Siġra tal-Milied (€500).
Il-Kunsill qabel li jassisti biss permezz ta' deċizjoni li kien ħa fl-laqgħa preċedenti li j'assisti b'riklam b'nefqa sa 300 euro.

**08.3.3 Project Green Rikjest għal laqgħa – Triq Diċembru 13**
Il-kunsill irċeva korrispondenza mingħand Project Green fejn talbu li jixtiequ jiddiskuti mall-Kunsill l-iżvilupp tal-Ġnien li jinsab fi Triq Diċembru 13 għalhekk qed jitolbu sabiex jiltaqgħu mall-Kunsill.
Il-Kunsill qabel u żid li f'isfond li hemm żewġ entitajiet governattivi oħra li kienu qed jippjanaw proġetti infrastrutturali, kien aħjar li tlett entitajiet flimkien mal-Kunsill jiltaqaw flimkien.

**08.3.4 Darts Tournament**
Is-Sindku nforma li dan it -tournament sar kif kien propost.

**08.3.5 Tizjin tal-Milied -Kumitat Festi Esterni Marija Regina –**
Il-Kumitat Festi Esterni Marija Regina nforma lill-Kunsill li din is-sena ser jarmaw il-pendenti ta' Triq Isouard u l-istilel bħas-snin preċedenti.
Il-Kunsill qabel.

**08.3.6 Riklam fuq il-Kalendarju -Marsa Trinita F.C.**
Il-Kumitat tal-Marsa Trinita F.C. qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama fuq il-kalendarju. Il-prezz huwa ta' €200.
Il-Kunsill qabel jirreklama fuq il-kalendarju kif sar f'snin preċedenti.

**08.3.7 LESA Kontravenzjonijiet maħruġa minn apparat ta' sorveljar.**
Permezz tal-ftehim li ġie ffirmat u jkopri s-snin 2022-2024, Kunsilli li jkunu waħħlu kameras tas-sigurta' ser jibbenifikaw minn ħlas ta' 10% tal-valur tal-kontravenzjoni. L-ewwel pagament ser ikopri s-snin 2022 u 2023 u tas-sena 2024 jinħareġ f'għeluq is-sena.
Il-Kunsill irrikonoxxa dan il-ftehim li kien sar ma aġenzija LESA fil-leġislatura ta' qabel.

**08.3.8 Cirkulari SPI/SCI/8/2024 – Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2025**
Is-Sindku nforma li kienet ħareġ l-iskema ta' Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2025 u **staqsa** jekk il-Kunsill huwiex nteressat li japplika għal dawn il-fondi. Tenna li jekk hemm qbil l-applikazzjoni għandha tintbagħat sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2024.

Il-Kunsill qabel li j'applika u l-applikazzjoni kien ser jieħu ħsieba il-kunsillier Domenic Spencer.

**08.3.9 Rights Children's Council Coordinator - The Rights Project in Marsa**
Sindku nforma li kien iltaqa ma Rights Children's Council Coordinator fejn qed jiġi propost sabiex l-ewwel laqgħa għat-tfal tal-Lokal tal-Marsa issr nhar il-15 ta' Novembru bejn 4.30 u 6.00pm. Qed jitlobu lill-Kunsill sabiex jindika l-post fejn jista' jsir. Ser jipprovdu wkoll xi posters u materjal promozzjonali ieħor.

Il-Kunsill qabel mal-proposta u il-laqgħa issir fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku u Kunsilliera konfermaw li ser ikunu preżenti

**08.3.10 Street Naming Committee – Electoral Office Ismijiet tat-toroq ġodda**
Il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq iddiskuta l-proposti tal-Kunsill dwar ismijiet ġodda ġewwa l-Marsa. Il-Kumitat qabel u aċċetta l-isem Triq il-Bini tal-Vapuri. Rigward l-isem Triq il-Karristi il-Kumitat jixtieq jitlob aktar informazzjoni fuq l-isem. Il-Kumitat ma aċċettax il-proposta ta' Triq Nerik Sacco iżda għadda suġġerimenti oħrajn. Rigward il-proposta ta' Misraħ is-Santissima' Trinita' qed ikun propost li ssir biss il-parti ta' Triq Balbi li tinkludi wkoll iz-zuntier.

Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta u suġġerimenti rigward Triq Nerik Sacco u il proposta Misraħ is-Santissima' Trinita' u ikkonkluda li sir laqgħa ma rappreżentanti ta' Street Naming Committee sabiex jiġu diskuss u spjegat dak li qed jipproponi il-Kunsill.

**08.3.11 Greenpak Green Skip – Triq il-Jum**
Il-Kumpanija Greenpak qed jitolbu sabiex l-iskip il-ħadra li hemm fi Triq il-Jum viċin ta' l- I Bins titmexxa għal post ieħor minħabba li mhux qed tintuża kif suppost.

Il-Kunsill qabel li green skip titneħħa min fuq il-post għaliex qed ikun hemm ħafna abbuż u rimi ta' skart mhux fil-ġurnata propju li għandu jingabar. Il-Kunsill tenna li jsiru ganċijiet ħalli residenti ikollhom fejn ipoġġu il-boroż ta' l-iskart. Ir-residenti għandhom jiġu nfurmati kif ukoll il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' l-iskart.

**08.3.12 Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali Bus Shelter**
Wara eżerċizzju li sar bejn l-AKL u l-Kumpanija Faces Ltd u l-Awtorita' tat-trasport pubbliku ġew indikati żewġ bus shelters li jistgħu jitwaħħlu fil-lokalita'. Inkluża fil-korrispondenza hemm il-proċedura li l-Kunsill irid isegwi.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

**08.3.13 Electricity Incident**
Il-Kunsillier Dominic Spencer informa lill-Kunsill bl-inċident li seħħ nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru 2024 fejn kien hemm ħruq fil-electricity cabinet. Għalhekk talab sabiex tittieħed azzjoni sabiex tiġi rranġata is-sitwazzjoni qabel ma jkun hemm konsegwenzi aktar gravi.

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li sena l-oħra il-Kunsill kien mistoqsi mill IT Manager ta' Reġjun jekk iridx ibdel l-electricity cabinet peress li DLG kien ser joħroġ tender sabiex jiġu updated il-Cabinets fil-Kunsilli Lokali. Dan qed issir b'spiza koperta mill-Gvern Lokali. Il-Kunsill tal-Marsa kien irrifjuta li ssir wieħed ġdid. Konsegwentement peress li sitwazzjoni tal-wiring u diversi modems li jinsabu fil-kabinet presenti hija waħda ta' periklu, b'hekk inqala dan l-inċident, il-Kunsill qed jingħata parir mil-IT Manager ta' Reġjun sabiex il-Kunsill jibdel u japplika ma DLG sabiex issir wieħed ġdid. Sadanittant, l-IT Manager ser indaf il-post min wiring żejjed.
Il-Kunsill qabel li terġa issir applikazzjoni ma DLG sabiex jiġi nstallat electricity cabinet ġdid u tintalab assistenza ta' electrician liċenzjat sabiex jeżamina is-sitwazzjoni.

**08.3.14 Peppi Attard – Happy bar Permess**

Is-Sur Attard propjetarju ta' Happy Bar li jinsab fi Triq Church wharf qed jitlob permess sabiex jarma Gazebo quddiem il-ħanut tiegħu. Id-dati li qed jitlob dan il-permess huma bejnl-20 ta' Diċembru u l-20 ta' Jannar minħabba li ser ikun qed isir xi refurbishement. It-tinda hija ta' qies 9m x 4m u l-ħanut jiftaħ bejn il-5.00am u 11.00pm.
Il-kunsill iddiskuta dan ir-rikjest u ikkonkluda li ma jsibx oġġezzjoni għalkemm ġie nnotat illi din it-tinda hija ta' kobor sostanzjali għal hekk huwa importanti li jintalbu il-permessi kollha meħtieġa fosthom ta' l-użu ta' l-art pubblika, permessi ta' kummerċ u tiġi mħarsa sigurtà ta' l-persuni li jiffrekwenta il-post u terzi.

**08.3.15 Planning Authority Full Development Permission**

Is-Sindku nforma li l-Kunsill ġie nfurmat mill-Planning Authority li l-permess rigward ir-restorazzjoni tal-Marsa Tram Power Station kien ġie approvat

**08.3.16 Rikjest sabiex issir rampa ta' għal aċċess ta' dħul ġo garage.**

Il-Kunsill rċieva rikjest mingħand resident fejn qed jitlob il-permess sabiex jibni rampa sabiex ikollu aċċess għal garage tiegħu.
Il-Kunsill ikkonkluda li ma jsibx oġġezzjoni, iżda ir-resident għandu jsegwi linji gwida rigward il-bankini provduti min Infrastructure Malta u l-ispiża trid tiġi koperta kollha mir-resident.

**08.3.17 Rikonoxximent għal xogħol ta' Kuntistabbli**

Is-Sindku nforma li rċieva korrispondenza fejn resident talab sabiex kuntistabbli partikolari jingħata rikonoxximent.
Il-Kunsill id-iddiskuta din il-proposta u ġie deċiż li ma tingħatax rikonoxximent lil kuntistabbli wieħed għaliex normalment il-kuntistabbli jaħdmu bħala group u kollha jagħtu servizz lil komunità

**08.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**08.4.1** Kunsillier Domenic Spencer qal li kien hemm il-bżonn li jinxtraw u hoodies u highlighter jackets għal voluntiera li ser jitallaw il-Parliament Ewropew sabiex jesibixxu il-presepju Marsi. Huwa tenna li tkellem ma l-President u Segretarju Eżekuttiv ta' Reġjun Nofsinhar fejn il-konfermaw li -ispejjez ser jitħallsu mir-Reġjun. Il-Kunsillier Spencer informa li hemm xi spejjez oħra relatati ma trasport tal-presepju. Il-Kunsillier Anthony Meilak offra li jista jikkuntaja persuni li jistaw jofru dan is-servizz bla ħlas. Il-Kunsill irringrazzja lili Kunsilliet Meilak ta' dan il ġest.

**08.4.2** Il-Kunsillier Spencer spjega kif huwa tkellem ma Scouts tal-Marsa dwar is-sehem tagħhom fl-attivita tal-Milied. Huwa qal li peress li ser ikun hemm diversi baned oħra ma huwiex l-attivita tal-Milied jkun hemm konfuzjoni ta' baned. Għalhekk kien qed jiproponi li l-Iscouts ikunu nvoluti għal attivita ta' Jannar li jkunu f'Jum il-Marsa.
Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**08.4.3** Il-Kunsilliera Gloria Aquilina tablet jekk tistax issir facebook page speċifikament għal l-istray cats.
Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir FB page għal dan il-għan.

08.4.4 Il-Kunsilliera id-diskuttew il-format ta' x'għandu jintalab meta jinħareġ it-tender ta' soft areas. Ġie deċiż illi ma hemmx għalfejn jitnizzlu is-softareas kollha imma issir referenza għal positjiet kollha inkluż il-pots barra il- Ġnien Spencer li ser ikun fil kura ta' ERA

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

**08.5 Rapporti**
Ma kienx hemm rapport

**08.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**
Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 10/24 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-Kunsilliera talbu kjarifika dwar diversi pagamenti fejn ġie spjegat dak li kien mistoqsi.
08.6.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Domenic Spencer u sekondat Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**08.6 Item: Data għal Laqgħa Annwali -Presentazzjoni ta' Pjan ta'Ħidma u Estimi Finanzjarji 2025**
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat illi jiġi preżentat il-Pjan ta'Ħidma u l-Estimi Finanzjarji 2025. Skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali dan għandu issir mhux aktar tard min 15ta' Diċembru ta' kull sena. Dawn ir-rapporti irridu jiġu diskussa waqt laqgħa pubblika fejn jiġu mistiedna il-residenti ta' lokal.

Il-Kunsill qabel li laqgħa pubblika issir nhar it-tlieta 10 ta' Diċembru.

**08.7 Item: Xiri ta' Cat Shelters**
Is-Sindku informa li hemm bżonn jinbidlu il-Cat Shelters eżiżtenti għaliex kienu jinstabu f'stat ħażin

**08.9 Mozzjonijiet**
Ma kienx hemm

**08.10Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm u ġiet aġġornata għal Erbgħa 10 ta'Diċembru ta'2024 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

Luke Farrugia
Sindku

Mariella Strout
Deputat Segretarju Eżekuttiv